**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 12 ta' Frar, 2020**

**Mandat Nru: 234/2019/2 AF**

**Monica Vella**

**vs**

**Walter Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Monica Vella, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ntalbet zzomm lil Walter Vella milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwit xi proprjetà u b'mod partikolari:

Garage li qieghed Santa Venera, bi drive-in privata li tizbokka f'St. Joseph High Road, u ggib in-numru 470 u dan il-garage bla numru però indikat bin-numru 7, u konfinanti peress li bla numru minn nofsinhar mad-drive-in imsemmija, mill-lvant u

mill-punent ma' beni ta' Catherine Portelli, liberu u frank u bid-drittijiet kollha tieghu;

Ghalqa mlaqqma "tad-Dolf" fil-limiti tar-Rabat, Malta bil-kejl superficjali ta' circa tomnejn (2T) ekwivalenti ghal 2248m.k. circa, li tikkonfina mit-tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Chircop, punent ma' beni ta' Baruni Testaferrata Bonnici u nofsinhar ma' Zebbug Road;

Id-dar bin-numru 223 gia numru 216, Fleur-De-Lys Road, Fleur-De-Lys, Birkirkara già deskritta bhala li qeghda Santa Venera.

Rat ir-risposta ta' Walter Vella.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Ikkunsidrat illi l-partijiet ilhom separati "*de facto*" ghal snin twal.

Iz-zwieg bejniethom gie dikjarat null.

Il-partijiet jinsabu fi process ta' medjazzjoni bil-ghan li l-gid tal-komunjoni jinqasam.

Il-proprjetajiet li r-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti biex izzomm milli jinbieghu, inxtraw fiz-zwieg u ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan il-fatt mhuwiex kontestat.

L-intimat jilqa' billi jsostni illi r-rikorrenti digà ippercepiet is-sehem dovut lilha mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tqis li din il-materja tmur oltre minn dak li jidher mad-daqqa t'ghajn u ghaldaqstant tibqa' rizervata ghal dik il-Qorti li ser taqta' finalment il-vertenza bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' Monica Vella kif kontenuti fir-rikors taghha tat-13 ta' Novembru 2019.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF